MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-7 ta' Novembru, 2003

Talba Numru. 3008/2002

**Middle Sea Insurance Plc kif surrogata fid-dritttijiet tal-asssikurat taghha John's Garage Limited u l-istess John's Garage Limited**

**vs**

**George Sammut u Emanuel Zarb**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-18 ta' Dicembru 2002 fejn gie mitlub li l-konvenuti, jew min minnhom, jigu kkundannati jhallsu lill-atturi s-somma ta' erba' mija u lira Maltin u sitta u ghoxrin centezmu (Lm401.26) rapprezentanti danni li sofrew l-atturi meta l-konvenut George Sammut waqt li kien qed isuq il-vettura bin-numru JCY 883 fid-9 ta" Frar 2001 gewwa s-Salina habat mal-vettura numru WRT 010 propjeta' tal-attur John's Garage Limited u kkaguna danni f'din l-istess vettura. Dan l-incident huwa unikament responsabbli

ghalih il-konvenut George Sammut stante li s-sewqan tieghu kien wiehed negligenti u traskurat. Il-konvenut l-iehor Emanuel Zarb bhala l-propjetarju tal-Bus numru JCY 883 ippermetta lill-konvenut George Sammut isuq il-Bus numru JCY 883 minghajr din ma kienet koperta b'assikurazzjoni skond il-ligi u ghalhekk ghandu jinzamm responsabbli flimkien mal-konvenut l-iehor ghall-hlas ta' kwalsiasi ammont dovut lill-atturi.
Bl-ispejjes, komprizi dawk tal-parir (Lm15.00) u ta' ittra ufficjali datata 15 ta' Mejju 2001 u ta' ittra ufficjali ohra prezentata kontestwlament mal-Avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenuti, u bl-imghax kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Ra li l-kovenuti ghalkemm debitament notifikati bl-Avviz tat-Talba naqsu milli jidhru u milli jipprezentaw Risposta.

Ra li din il-kawza kienet qed tinstema' kontestwalment mal-kawza bl-Avviz Numru 183/03AJD (Middle Sea Insurance Plc et vs George Sammut u Anthony Antonelli) stante li l-mertu taxz-zewg kawzi jirrigwarda l-istess ncident awtomobilistiku.

Sema' x-xhieda ta' PS 496 Godwin Borg u Anthony Antonelli. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti. Ha konjizzjoni wkolll tax-xhieda li nstemghu fl-attti tal-kawza numru 183/03 li ghaliha saret referenza aktar il-fuq.

Ikkunsidra:

Illi l-kaz jirrigwarda ncident awtomobilistiku li sehh fid-9 ta' Frar 2001 bejn vettura bin-numru tar-registrazzjoni WRT 010 misjuqa minn Anthony Aantonelli u propjeta'' tas-socjeta' attrci John's Garage Limited, liema vettura kienet assikurata taht polza tat-tip 'Comprehensive' mahruga mis-socjeta' attrici,, bejn il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni DAJ 052 misjuqa minn David Farrugia u l-'bus' bin-numru tar-registrazzjoni JCY 883 misjuqa mill-konvenut George Sammut u propjeta' tal-konvenut l-iehor Emanuel Zarb. L-incident sehh fit-triq tas-Salini, Antonelli u Sammut kienu qed isuqu fid-direzzjoni tal-Coastline

Hotel filwaqt li Farrugia kien qed isuq fid-direzzjoni oposta fis-sens li kien qed jipprocedi lejn San Pawl il-Bahar. Antonelli xehed li ried idur lejn il-Qawra u ghalhekk kien bl-indicator mixghul izda kien ghadu ma bediex idur meta huwa gie milqut mix-xaraank li kienet qed taqalghu mix-xellug tieghu. Meta nizel mill-vettura Antonelli nduna li l-bus kienet habtet mal-vettura ta’ Farrugia li mbaghad imbuttatha fuq il-vettura tieghu. Dan ix-xhud qal ukoll li Farrugia kien kompletament fuq sajdu.

Mill-iskizz esebit a fol. 29 jirrizulta li meta Sammut ttenta jaghmel il-manuvra ta’ sorpass huwa qabez il-linja medjana tat-triq u ghalhekk kien qed isuq parzjalment ‘wrong side’. Din il-manuvra ta’ sorpass effetwata mill-konvenut George Sammut certament kienet tammonta ghal sewqan traskurat u negligenti u kienet indubbjament il-kawza prossima tal-incident de quo.

Illi l-atturi isostnu li anki l-konvenut l-iehor, u cioe’ Emanuel Zarb, ghandu jigi ritenut responsabbli ghall-incident stante li huwa bhala propetarju tal-bus misjuqa minn George Sammut ippermetta lil dan tal-ahhar isuq ill-bus minghajr ma kienet koperta b’polza ta’ assikurazzjoni. It-Tribunal jidhirlu li ma ngabux provi soddisfacenti fir-rigward u ghalhekk il-konvenut Emanuel Zarb ma jistghax jitqies bhala responsabbli ghall-incident awtomobilistiku tadd 9 ta’ Frar 2001.

Illi l-quantum tad-danni reklamati mill-atturi ma giex kontestat u fi kwalunkwe kaz l-atturi producew l-ircevuti relattivi in sostenn tat-talba taghhom, liema danni jidhru li huma kompatibbli mad-dinamika tal-incident mertu tal-kawza.

Ghal dawn il-motivi t-Triibunal jaqta’ u jiddeciedi billi jichad it-talbiet attrici fil-konfront tal-konvenut Emanuel Zarb u billi jilqa’ t-talbiet attrici fil-konfront tal-konvenut George Sammut u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut George Sammut ihallas lill-atturi s-somma ta’ erba’ mija u lira Maltin u sitta u ghoxrin centezmu (Lm401.26), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra uffiicjali tal-15 ta' Mejju 2001 u dawk tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment mal-Avviz ai termini tal-Kap. 104, izda li ma jinkludux il-Lm15.00 mitluba ghall-konsult, ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut George Sammut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------